

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15694/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/ 0357(NLE)

ENV 1339
CLIMA 574
MED 41
ONU 99
PECHE 521

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14263/23 - COM(2023) 586 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-23 laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun Kostali tal-Mediterran, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis minn Sorsi Bbażati fuq l-Art, u fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi II u III għall-Protokoll li jikkonċerna ż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali u d-Diversità Bijoloġika - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barcelona) u l-Protokoll tagħha, għandha l-għan li tipprevjeni u tnaqqas it-tniġġis minn bastimenti, inġenji tal-ajru u sorsi bbażati fuq l-art fil-Baħar Mediterran. L-UE ilha membru tal-Konvenzjoni mill-1976. Tmien Stati Membri tal-UE huma wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni¹.
2. Matul it-23 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, li ser issir f'Portoroz, is-Slovenja, bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru 2023 (COP 23), il-Partijiet Kontraenti huma mistennija jadottaw deċiżjonijiet li ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni.

¹ Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, Malta, is-Slovenja u Spanja.

3. Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-COP 23, f'Barċellona, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Agrikoltura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Akkwakultura, Pjan Reġjonali dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tal-Maltemp Urban, fil-qafas tal-Artikolu 15 tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis minn Sorsi Bbażati fuq l-Art, u fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi II u III għall-Protokoll li jikkonċerna ż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali u d-Diversità Bijoloġika)².
4. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (WPIEI) eżaminaw il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa informali tiegħu fl-24 ta' Ottubru 2023. Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet u ta' tliet konsultazzjonijiet bil-miktub, immedija fit-18 ta' Ottubru 2023, fil-31 ta' Ottubru 2023 u fid-9 ta' Novembru 2023,³ u l-kummenti sussegwenti bil-miktub mibgħuta mid-delegazzjonijiet,⁴ il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' test ta' kompromess⁵ li ntlaħaq qbil dwaru fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fit-13 ta' Novembru 2023.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - a) jadotta, b'maġġoranza kwalifikata, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jinsab fid-dokument ST 15348(test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
 - b) jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 19(7)(g) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li t-test jiġi sussegwentement ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali; kif ukoll
 - c) jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, li jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni.

² 14263/23.

³ WK 14198/2023 u WK 14174/2023.

⁴ WK 14078/2023 u WK 14374/2023.

⁵ 14813/23.